MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 48 – 4 Leġislatura**

**Il-Ħamis 16 ta'Novembru 2025**

Il-Kunsill Reġjonali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindlku Zejtun | Sinjura Joan Agius |
| Sindku B'Buġia | Is-Sur Scott Camilleri |
| Viċi Sindku Santa Luċija | Is-Sur Frederick Cutajar |
| Kunsillier Gudja | Is-Sur Andrew Dalli |
| Kunsillier Marsascala | Is-Sur Charlo Mifsud |
| Kunsillier Ħal-Luqa | Is-Sur Keith Bartolo |
| Kunsillier Ħal Qormi | Is-Sinjura Elke Sghendo |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

Ħadt

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Sindku Is-Sur Karl Boxall, Sindku Gianluca Falzon, Sindku Luke Farrugia u Sindku Steven Grech u Sindku Christian Sammut

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mariella Strout Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**48.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija;**

**48.1.1** Il-President informa li Sindku Karl Boxall, Sindku Luke Farrugia, Sindku Gianluca Falzon u Sindku Steven Grech kien jinstabu indisposti.

**48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

**48.2.1** Il-President ressaq il-Minuti ta' sebgħa u erbgħin (47) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel tal-laqgħa. Il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

**48.2.2** Wara mozzjoni mressqa mil-President Jesmond Aquilina u s-sekondat Sindku Joan Aguis, il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu il-minuti msemmija.

**48.2.3 Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

**48.2.3.1** Il-President informa li wara li ħarġet sejħa għal insurance li tkopri xogħolijiet fuq il-binja, ġew evalwati is-sottomissjonijiet u ntazlet l-irħas waħda skont il-kriterji mitluba. Issa kien inbeda il-proċess issiru il-garanziji mill bank.

**48.2.3.2** Il-President informa li Dipartiment ta' l-Anzjanità Attiva aċċettaw il proposta sabiex jerġa issir il-Proġett Art for Active Aging. L-ispiża relatata ma dan il-proġett hija ta' 8,500 eskluż il-VAT ser tinqasam 50% bejn żewġ entitajiet. Il-President appella sabiex il-Kunsilliera responsabbli mill anzjani jipparteċipaw f'dan il-proġett.

**48.2.3.3** Il-President qal li Segretarju Eżekuttiv u Uffiċjal Maniġerjali responsabbli mill kordinazzjoni ta' l-iskart attendew għal SmartCity EXPO 2025 f' Barcelona. Hija spjegat li huma attendew għal diversi seminars relatati ma immaġnar sostenibbli ta' bliet u rħula, fuq temi ta' trasport, ambjent u indafa. Il-biljetti għal din l-EXPO kienu mħallsa min L-AKL.

**48.2.3.4** Il-President fakkar li Reġjun kien qed jipprepara kalendarju fejn fiħ hemm spjegat li skeda ta' l-iskart kif ukoll permezz ta' QR code hemm informazzjoni fuq kull lokalita. Kopji ta' dan il kalendarju ser jitqassmu fil Kunsilli sabiex jitqassmu lil residenti.

**48.2.3.5** Il-President informa li l-programm ta' *Malta International Christmas Choir* ġie mniedi u ħeġġeġ lil Kunsilli li ser jieħdu sehem sabiex jinfurmaw lil residenti tagħhom sabiex jattendu.

**48.3 Komunikazzjoni mill-president**

**48.3.1 LCF/29/2020 - St Jeanne Antide Foundation**

Il-President informa li irrċevejna rikjest mingħand l-Awtorita ta' l-Ippjanar responsabbli m'Development Project Fund fejn infurmat li f'2021 ir-Reġjun Xlokk kien għamel kuntratt flimkien ma St Jeanne Antide Foundation sabiex jirriżervaw €345,000 għal proġett li kellu issir fil-bini prinċipali ta' St Jeanne Antide Ħat-Tarxien. Peress li kienet saret bidla f' Reġjuni f'2022, numru ta'

Kunsilli li kienu ma Reġjun Xlokk issa jagħmlu parti mir-Reġjun Nofsinhar. Għaldaqstant ir-Reġjun Nofsinhar qed jintalbu biex ikun firmatarju ta' dan il-Kuntratt. Il-Kunsill qabel .

48.3.2 Il-President informa li Reġjun kienet waslitlu rikjest mill-Kosta ta'l-Avorju sabiex issir forma ta' twinning. Il-Kunsill qabel li jagħmel verifiki għal din il-possibilità.

48.4 **Skeda ta' Pagamenti;**

48.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 10/25A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

48.4.2 Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Joan Aguis u sekondat Kunsillier Charlo Mifsud, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

48.5 **Rapporti**

48.5.1 **Rapport Approvazzjoni Rapport Annwali 2024**

Il- President qal li qed jiġi preżentat ir-Rapport Annwali 2024 li ġie preżentat waqt il-laqgħa Annwali fl-24 ta' Ottubru 2025. Huwa staqsa lil Kunsill jekk hemmx emendi jew oġġezzjonijiet.

48.5.1.1 **Il-Kunsill qabel ma rapport kif preżentat u approva Rapport Annwali 2024**

48.5.2 **Applikazzjoni -Uffiċjali Maniġerjali u Uffiċjal Amministrattiv**

Il-President stieden li Segretarju Eżekuttiv sabiex tagħti rendikont ta' l-applikazzjonijiet ta' Uffiċjali Maniġerjali u Uffiċjal Amministrattiv. Segretarju Eżekuttiv infurmat li sejħa kienet għalqet f'17 ta' Novembru 2025 u il-Kunsill irċieva numru ta' applikazzjonijiet għal Uffiċjal Amministrattiv iżda irridu jiġu verifikati sabiex tiġi konfermata jekk humiex eliġibbli. Hija tenniet li għas-sejħa tal-Uffiċjal Maniġerjali il-Kunsill kien irċieva applikazzjoni waħda u il-persuna kienet eliġibbli. Il-President stieden il-Kunsill sabiex jaħtar Bord għal intervisti.

48.5.2.1 **Il-Kunsill approva li Bord ikun kompost mill President Jesmond Aquilina, Viċi President Chev Mario Calleja, Sindku Joan Aguis u Kunsillier Elke Sghendo, u ex officio Segretarju Eżekuttiv. Il-ġurnata ta' l-intervisti ser issir f' 9 ta'Diċembru 2025.**

48.6 **Item: Estensjoni Kuntratt Servizz ta' Accountant**

Il-President informa li kuntratt ta' l-Accountant kien wasal biex jiskadi, iżda tender kien jippermetti li jiġi estiż għal sena oħra. Huwa tenna li Segretarju infurmat lil Accountant jekk kien ser jaċċetta li kuntratt jiġi estiż bl-istess rata. Huwa qal li aċċetta. Għaldaqstant il-President kien qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill għal din l-estensjoni.

48.6.1 **Il-Kunsill approva l-estensjoni**

48.7 **Item: Bdil fil-perjodu tal-ħlas ta' salarji tal-ħaddiema**

Il-president informa wara diskussjoni interna il-ħaddiem għamlu talba sabiex il-paġi jibdew jinħarġu kull erba' ġimgħat minflok fl-aħħar ta' xahar. Għalhekk kien qed jitlob lil Kunsill jekk jaqbilx ma dan it-tibdil.

48.7.1 **Il-Kunsill qabel u approva li salarji tal-ħaddiem flimkien ma l-onorarja tal-President jibdew jinħarġu kull erba' ġimgħat. Dan it-tibdil ser jiġi f'seħħ min Jannar 2026.**

**48.8 Item: Proposta SRC għal *European Mobility Week 2025 - Transport Malta***

Il-President informa li permezz ta' l-uffiċjal Maniġerjali responsabbli mill-ambjent, ir-Reġjun kien qiegħed jifformola proposta sabiex tiġi applikata f'skema European Mobility Week 2025. Huwa tenna l-intbagħtet kommunikazzjoni dwar din il-proposta. Sa issa żewġ kunsilli wrew interess, dak tal-Marsa u Santa Venera.

**48.8.1 Il-Kunsill qabel u approva il-proposta**

**48.9 Affarijiet Oħra**

**48.9.1** Il-President stieden il-membri preżenti sabiex jagħmlu l-interventi tagħhom. Id-diskussjoni prinċipali kienet rigward maniġġjar ta' l-iskart. Il-president tenna li Regjun ser ikompli billi mira li kemm jista jkun jnaqqas l-ispiża relatat ma tunnellaġġ tal-borża sewda.

**48.10 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

**48.10.1** Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 17 ta' Diċembru 2025

Konfermati llum 17 ta' Diċembru 2025____________________

Jesmond Aquilina

President

Mariella Strout

Segretarju Eżekuttiv